

4.4.2024

A9-0070/108

Emenda 108

Marian-Jean Marinescu

f' isem il-Grupp PPE

Rapport

A9-0070/2024

Pascal Canfin

Il-kontabbiltà tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tas-servizzi tat-trasport
(COM(2023)0441 – C9-0305/2023 – 2023/0266(COD))

Proposta għal regolament

Premessa 5a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(5a) L-emissjonijiet tal-gassijiet serra mill-manifattura, mill-manutenzjoni u mir-rimi tal-vetturi jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għall-emissjonijiet totali taċ-ċiklu tal-ħajja ta' vettura. Id-data dwar il-kostruzzjoni tal-vetturi mhijiex disponibbli faċilment mill-manifatturi tal-vetturi, b'mod partikolari minn dawk li jinsabu barra mill-Unjoni. Madankollu, din il-karatteristika hija rilevanti peress li tippermetti l-kontabbiltà tal-ispettru sħiħ ta' emissjonijiet relatati ma' attività tat-trasport filwaqt li tiġi indirizzata r-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju fir-rigward tal-manifattura tal-vetturi. Sabiex il-kumpaniji, il-klijenti u l-individwi jkunu jistgħu jqabblu modi differenti ta' trasport skont l-emissjonijiet ta' gassijiet serra rispettivi tagħhom u biex jiġi evitat il-ħolqien ta' żvantaġġi kompetittivi għal vetturi u materjali prodotti fl-Ewropa, jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżviluppa metodoloġija li tinkludi l-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-kostruzzjoni, mill-manutenzjoni u mir-rimi ta' vetturi sal-2028. Jenħtieġ li l-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, titlob lill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni jirrevedi l-istandard EN ISO 14083:2023 b'mod xieraq, ladarba tiġi żviluppata l-metodoloġija.

AM\1300282MT.docx

PE760.513v01-00

4.4.2024

A9-0070/109

Emenda 109
Marian-Jean Marinescu
f' isem il-Grupp PPE

Rapport
Pascal Canfin
Il-kontabbiltà tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tas-servizzi tat-trasport
(COM(2023)0441 – C9-0305/2023 – 2023/0266(COD))

A9-0070/2024

Proposta għal regolament
Premessa 5b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(5b) L-għadd tal-emissjonijiet mill-kostruzzjoni u ż-żarmar tal-infrastruttura tal-produzzjoni tal-enerġija huwa meħtieġ biex jiġi żgurat tqabbil ġust bejn il-vetturi tal-enerġija kollha disponibbli użati għas-servizzi tat-trasport.

Or. en

4.4.2024

A9-0070/110

Emenda 110

Marian-Jean Marinescu

f' isem il-Grupp PPE

Rapport

A9-0070/2024

Pascal Canfin

Il-kontabbiltà tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tas-servizzi tat-trasport
(COM(2023)0441 – C9-0305/2023 – 2023/0266(COD))

Proposta għal regolament

Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(8) Minkejja l-benefiċċji li jirriżultaw miż-żieda fit-trasparenza dwar il-prestazzjoni tas-servizzi tat-trasport, l-applikazzjoni obbligatorja ta' dan ir-Regolament għall-entitajiet kollha li joffru servizzi tat-trasport fis-suq tal-Unjoni tkun sproporzjonata u twassal għal kostijiet u għal piż eċċessivi. Għalhekk, dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika biss għal dawk l-entitajiet li jiddeċiedu li jikkalkulaw u jiddivulgaw informazzjoni dwar l-emissjonijiet tal-gassijiet serra tas-servizzi tat-trasport tal-merkanzija jew tal-passiġġieri li jibdew *jew* jintemmu fit-territorju tal-Unjoni, jew li huma obbligati jagħmlu dan minn reġimi leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi rilevanti oħra.

Konsegwentement, dan jinkludi servizzi li l-punti tal-oriġini jew tad-destinazzjoni tagħhom jinsabu f'pajjiż terz.

(8) Minkejja l-benefiċċji li jirriżultaw miż-żieda fit-trasparenza dwar il-prestazzjoni tas-servizzi tat-trasport, l-applikazzjoni obbligatorja ta' dan ir-Regolament għall-entitajiet kollha li joffru servizzi tat-trasport fis-suq tal-Unjoni tkun sproporzjonata u twassal għal kostijiet u għal piż eċċessivi. Għalhekk, dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika biss għal dawk l-entitajiet li jiddeċiedu li jikkalkulaw u jiddivulgaw informazzjoni dwar l-emissjonijiet tal-gassijiet serra tas-servizzi tat-trasport tal-merkanzija jew tal-passiġġieri li jibdew, ***u li*** jintemmu fit-territorju tal-Unjoni, jew li huma obbligati jagħmlu dan minn reġimi leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi rilevanti oħra.

Or. en

4.4.2024

A9-0070/111

Emenda 111
Marian-Jean Marinescu
f' isem il-Grupp PPE

Rapport
Pascal Canfin
Il-kontabbiltà tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tas-servizzi tat-trasport
(COM(2023)0441 – C9-0305/2023 – 2023/0266(COD))

A9-0070/2024

Proposta għal regolament
Premessa 12a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(12a) Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni u l-korpi nazzjonali tal-istandardizzazzjoni tal-Istati Membri, jenħtieġ li tiżgura li s-settur tat-trasport jkollu aċċess għall-istandard ISO 14083:2023 jew għall-istandard ekwivalenti Ewropew CEN ISO 14083 mingħajr ħlas fir-rigward tal-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju ("SMEs") kif definit fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE. Jenħtieġ li -istandards ikunu aċċessibbli fil-verżjonijiet awtentiċi tagħhom kif ukoll fil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni biex dan ir-Regolament isir aċċessibbli bis-siħ għal dawk kollha li huma soġġetti għalih.

Or. en

4.4.2024

A9-0070/112

Emenda 112
Marian-Jean Marinescu
f' isem il-Grupp PPE

Rapport
Pascal Canfin
Il-kontabbiltà tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tas-servizzi tat-trasport
(COM(2023)0441 – C9-0305/2023 – 2023/0266(COD))

A9-0070/2024

Proposta għal regolament
Premessa 12b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(12b) L-Artikolu 2 tat-TUE jipprevedi li l-Unjoni Ewropea hija bbażata fuq il-prinċipju tal-istat tad-dritt, li jimponi aċċess liberu għad-dritt tal-Unjoni għall-persuni fiżiċi jew ġuridiċi kollha tal-Unjoni Ewropea, u li l-individwi jeħtiġilhom ikunu jistgħu jasserixxu mingħajr ambigwiżà d-drittijiet u l-obbligi tagħhom (is-sentenza tat-22 ta' Frar 2022, Stichting Rookpreventie Jeugd et al., C-160/20, punt 41). Dan l-aċċess liberu jrid b'mod partikolari jippermetti kwalunkwe persuna, li l-leġiżlazzjoni tfittex li tipproteġi, li tivverifika, fil-limiti permessi mil-liġi, li l-persuni destinatarji tar-regoli previsti minn dik il-liġi huma effettivament konformi ma' dawk ir-regoli. Għaldaqstant, bl-effetti mogħtija lili mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, standard armonizzat jista' jispeċifika d-drittijiet mogħtija lill-individwi kif ukoll l-obbligi tagħhom u dawn l-ispeċifikazzjonijiet jistgħu jkunu neċessarji għalihom sabiex jivverifikaw jekk prodott jew servizz partikolari huwiex effettivament konformi mar-rekwiżiti ta' tali leġiżlazzjoni.

Or. en

4.4.2024

A9-0070/113

Emenda 113
Marian-Jean Marinescu
f' isem il-Grupp PPE

Rapport
Pascal Canfin
Il-kontabbiltà tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tas-servizzi tat-trasport
(COM(2023)0441 – C9-0305/2023 – 2023/0266(COD))

A9-0070/2024

Proposta għal regolament
Premessa 12c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(12c) Fis-sentenza tagħha tas-27 ta' Ottubru 2016 fil-Kawża C-613/14, il-Qorti ddeċidiet li standard armonizzat, adottat abbażi ta' direttiva u li r-referenzi għalih ġew ippubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, jiffirma parti mid-dritt tal-UE minħabba l-effetti legali tiegħu. Fis-sentenza tagħha tal-5 ta' Marzu 2024 fil-Kawża C-588/21 P, il-Qorti sabet l-eżistenza ta' interess pubbliku superjuri, fis-sens tal-aħħar klawżola tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament Nru 1049/2001, li jirriżulta mill-prinċipji tal-istat tad-dritt, it-trasparenza, il-ftuħ u l-governanza tajba, u li jiġġustifika l-iżvelar ta' standards armonizzati speċifiċi, peress li daww l-istandards jiffurmaw parti mid-dritt tal-Unjoni minħabba l-effetti legali tagħhom.

Or. en

Emenda 114
Marian-Jean Marinescu
 f' isem il-Grupp PPE

Rapport
Pascal Canfin

A9-0070/2024

Il-kontabbiltà tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tas-servizzi tat-trasport
 (COM(2023)0441 – C9-0305/2023 – 2023/0266(COD))

Proposta għal regolament
Premessa 30

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(30) Sabiex ikun possibbli l-funzjonament effiċjenti ta' dan ir-Regolament, is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-valutazzjoni u tal-esklużjoni ta' ċerti elementi tal-metodoloġija ta' referenza; **is-sottomissjoni** ta' talbiet lill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni, **l-istabiliment** ta' regoli għat-tweqqif tal-kontroll tekniku tal-kwalità ta' bażijiet tad-data esterni ta' valuri prestabbiliti, **l-adattament** tal-metriki għad-data tal-output dwar l-emissjonijiet tal-gassijiet serra u **l-istabiliment** ta' metodi u ta' kriterji ulterjuri ta' akkreditazzjoni tal-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell ta' esperti, u li daww il-konsultazzjonijiet isiru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet⁶². B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tnejn ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi

(30) Sabiex ikun possibbli l-funzjonament effiċjenti ta' dan ir-Regolament, is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward **tal-iżvilupp tal-metodoloġija għall-kalkolu ta' emissjonijiet taċ-ċiklu tal-ħajja relatati mal-vettura u l-emissjonijiet relatati mal-produzzjoni, mal-manutenzjoni u ma' tmiem il-ħajja tal-vettura**; tal-valutazzjoni u tal-esklużjoni ta' ċerti elementi tal-metodoloġija ta' referenza; **tas-sottomissjoni** ta' talbiet lill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni, **tal-istabiliment** ta' regoli għat-tweqqif tal-kontroll tekniku tal-kwalità ta' bażijiet tad-data esterni ta' valuri prestabbiliti, **tal-adattament** tal-metriki għad-data tal-output dwar l-emissjonijiet tal-gassijiet serra u **tal-istabiliment** ta' metodi u ta' kriterji ulterjuri ta' akkreditazzjoni tal-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell ta' esperti, u li daww il-konsultazzjonijiet isiru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet⁶². B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tnejn

tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-
tħejjija ta' atti delegati.

⁶² Il-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-
Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni
Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar
it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet (ĠU L 123,
12.5.2016, p. 1)

ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-
Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-
istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati
Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom
aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi
tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-
tħejjija ta' atti delegati.

⁶² Il-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-
Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni
Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar
it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet (ĠU L 123,
12.5.2016, p. 1)

Or. en